MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI
L-AMBJENT U T-TIBDIL FIL-KLIMA

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-
BIEDJA SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

MALTA

*Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali*

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT
THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR
AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

*Agriculture and Rural Payments Agency*

**Lill-Applikant**

Sinjur/a,

Skont ir-Regolament Nru. 907 tal-2014 tal-Kummissjoni Ewropea infurzat mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03, kull ħlas li jista' jkun dovut lilek f'għajnuna finanzjarja taħt skemi mnedija mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), għandu jsir direttament fil-kont bankarju tiegħek. Għaldaqstant, il-formola li tinsab f'paġna 2 għandha tittieħed il-bank u timtela mill-uffiċjal tal-bank rispettiv tiegħek. Il-kont bankarju li tagħtina irid ikun kont kurrenti jew tat-tfaddil (*current* jew *savings*). Barra minn hekk, il-kont bankarju jrid ikun f'isem il-persuna li applikat għas-sussidju. Ħlas f'kont konġunt (joint) hu aċċettabbli biss f'każ li dan ikun f'isem koppja li huma miżżewġin, jew f'unjoni ċivili.

**Int għandek iżżomm il-kont bankarju, imsemmi f'paġna 2 tal-formola, miftuħ sakemm tkun għad għandek tirċievi pagamenti mingħand l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali.**

Wara li l-uffiċjal tal-bank ikun mela din il-formola, inti ġentilment mitlub/a li teħodha/tibgħatha l-*Front Office* tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, Il-Pitkalija, Ta' Qali, limiti ta' Ħ'Attard jew fl-Uffiċċju tal-Aġenzija, Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex. Tista' issib kopja ta' din l-applikazzjoni fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: https://secure2.gov.mt/MRRA-PA/downloads-links?l=1

Grazzi.

Joseph Pisani
għall-Kap (ARPA)

---

**Lill-Uffiċjal tal-Bank**

Sinjur/a

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali teħtieġ li din il-formola timtela kollha minn uffiċjal tal-bank fejn l-applikant għandu l-kont bankarju tiegħu.

Ikun apprezzat jekk waqt li int ġentilment timla l-formola tivverifika l-identita` tal-applikant, li l-kont bankarju jkun kont kurrenti, jew tat-tfaddil (*current* jew *savings*), u li jkun f'isem l-applikant. Barra minn hekk, nitolbok biex tassigura li l-formola tkun iffirmata quddiemek mill-applikant wara li int tkun imlejt id-dettalji kollha mitluba. Napprezza ħafna li ma tintużax linka sewda biex timtela l-formula.

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali tapprezza li jiġu evitati amendi fuq il-formola. Fejn dan ikun meħtieġ l-uffiċjal tal-bank għandu jagħmel l-inizjali tiegħu, kif ukoll timbru ta' ismu, ħdejn l-amenda. Jekk teħtieġ, tista' ssib kopja ta' din l-applikazzjoni fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: https://secure2.gov.mt/MRRA-PA/downloads-links?l=1.

F'isem l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali nirringrazzjak tas-servizz li qed tagħti sabiex l-applikant ikun jista' jirċievi l-ħlas ta' għajnuna finanzjarja fil-kont bankarju skont id-dettalji li tniżżlu fil-formola.

Grazzi,

Joseph Pisani
għall-Kap (ARPA)

NOTA: L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali twettaq il-funzjonijiet tagħha skont ir-regolamenti relevanti kollha tal-Kummissjoni Ewropea u lokali. Din l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti li jkunu mehmuża ser tinżamm b'mod kunfidenzjali u dawn jiġu pproċessati b'konformità mal-Att tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap 440). L-informazzjoni personali tista' tgħaddi lill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, lid-dipartimenti li jaqgħu taħt dan il-Ministeru biex tiġi amministrata l-politika tal-biedja, kif ukoll lill-propjetarji tal-art. Int għandek dritt issaqsi rigward l-informazzjoni personali li qed tiġi pproċessata dwarek skont kif ipprovdut mill- Politika ta' Privatezza ta' din l-Aġenzija, li jekk u meta trid tista' titlob kopja tagħha.

Luqa Road, Qormi QRM 9075
Tel: +356 2292 6148 Fax: +356 2292 6161
Email: arpa.msdec@gov.mt Website: www.arpa.gov.mt

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

**Ħlas ta' Għajnuna Finanzjarja fil-Kont Bankarju tal-Applikant mingħand l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**

(*Din il-formola għanda timtela* ***biss*** *minn uffiċjal tal-bank skont direzzjonijiet murija fl-ewwel paġna*)

## DETTALJI TAL-APPLIKANT

| | | | |
|---|---|---|---|
| Isem u kunjom f'isem min hu l-kont Bankarju *(Account holder)* | | | |
| Numru tal-karta tal-identita` | | Numru tal-VAT jew tal-kumpanija *(fejn applikabbli)* | |
| Numru tat-telefon | | Numru tat-telefon ċellulari | |

## DETTALJI TAL-BANK

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Isem tal-Bank | | | | | | | |
| Fergħa tal-Bank | | | | | | | |
| Tip ta' kont: | Tifdil ☐ | | Kurrenti ☐ | | Ieħor ☐ | Jekk immarkajt ieħor speċifika | |
| Numru tal-kont | | | | | | | |
| IBAN | | | | | | | |
| Timbru tal-Bank | | | | | | Firma tal-uffiċjal tal-bank | |
| Isem u kunjom l-uffiċjal tal-bank (Ikteb b'ittri kbar) | | | | | | | |
| Firma tal-Applikant | | | | | | Data | |
| Isem u kunjom l-applikant (Ikteb b'ittri kbar) | | | | | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Għall-użu uffiċjali biss** | | | *(Front Office)* |
| Data li fiha rċevejt il-formola | | | |
| Il-Kont bankarju msemmi hawn fuq hu marbut ma' Miżuri/Skemi ta' Għajnuna kif jidher hawn taħt: | | | |
| Miżuri/Skemi kollha (*default*) ☐ | **jew** | Dettalji tal-Miżuri/Skemi | |
| Nikkonferma li d-dettalji tal-IBAN li jidher hawn fuq ġew imdaħħla fis-sistema IACS. | | | |
| Firma tal-uffiċjal | | Isem u kunjom tal-uffiċjal (*Ikteb b'ittri kbar*) | |
| Firma tal-uffiċjal li jivverifika | | Isem u kunjom tal-uffiċjal li jivverifika (*Ikteb b'ittri kbar*) | |
| Data | | | |
| | | | *(Taqsima tal-Pagamenti)* |
| Data li fiha rċevejt il-formola | | | |
| Nikkonferma li d-dettalji tal-IBAN li jidher hawn fuq, jinsabu fis-sistema PAMS. | | | |
| Firma tal-uffiċjal | | Isem u kunjom tal-uffiċjal (*Ikteb b'ittri kbar*) | |
| Data | | | |